**275. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

**SOSTITUZZJONI TA' FTEHIM IMQIEGĦED FUQ IL-MEJDA TAL-KAMRA FIS-7 TA' AWWISSU, 1979 DWAR IL-KIRI TA' SITI F'KALAFRANA U ST. ANDREWS, LILL- MEDISLE HOLIDAYS COMPANY LIMITED**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta biħsiebu jissostitwixxi l-ftehim approva b'Riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati numru 200 tas-7 ta' Awwissu, 1978 rigwardanti kiri ta' siti f'Kalafrana u St. Andrews magħmul bejn il-Kummissrju tal-Art għan-nom tal-Gvern ta' Malta u Medisle Holidays Company Limited;

U billi għal fini tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern huwa xieraq li din is-sostituzzjoni tal-ftehim b'wieħed ġdid kif deskritt aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz isir skont ir-rizoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut:

a) li l-ftehim tas-7 ta' Awwissu, 1979 fuq imsemmi jiġi sostitut bl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra u

b) li s-sit f'St. Andrews imsemmi fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra jista' jiġi mogħti b'kera lill-imsemmija kunpannija skond l-istess abbozz.

**18.07.1980**